A.L. 335 ta' l-2004

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR
(KAP. 261)

Ordni ta' l-2004 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 3).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mit-18 ta' Mejju, 2004.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 168 metru kwadru, magħrufa bħala Plot Nru. 47 (qabel kienet Plot Nru. 16) fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u li tagħmel parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern, limiti tal-Mellieħa, li tmiss mill-Grigal ma' Triq il-Mitħna l-Ġdida, mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur A. Bartolo, u mill-Majjistral ma' Triq id-Dħin, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 47, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 16 fuq L.D. 383/91/16. (HAP 3/2003).

(2) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 120 metru kwadru, magħrufa bħala Plot Nru. 10 fi Triq Ħalib it-Tajr u li tagħmel parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern f'Santa Luċija, li tmiss mill-Grigal ma' mogħdija pubblika, mix-Xlokk ma' Triq Għeneb id-Dib, u mil-Lbiċ ma' proprjetà tas-Sur J. Mifsud, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 12, "Maria Immakulata", Triq Ħalib it-Tajr, Santa

Luċija, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 10 fuq L.D. 11/82/64. (HAP 6/2003).

(3) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 143 metru kwadru u sit, magħrufin bħala Plot Nru. 225 u sit B rispettivament, fi Triq il-Bruka, u li jagħmlu parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern f'Santa Luċija, li jmissu mill-Majjistral, mix-Xlokk u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, li fuqhom hemm mibni l-fond bin-numru 29, Triq il-Bruka, Santa Luċija u li jinsabu delineati bl-aħmar u markati P. 225 u Sit B fuq L.D. 11/82/75. (HAP 5/2003).

(4) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 136 metru kwadru, magħrufa bħala Nru. 36 (qabel kienet Plot Nru. 1) fi Triq il-Fossa tal-Qamħ u li tagħmel parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern, limiti taż-Żejtun, li tmiss mill-Grigal ma' proprjetà tal-Gvern, mix-Xlokk ma' Triq il-Fossa tal-Qamħ u mil-Lbiċ ma' proprjetà trasferita lill-Awtorità tad-Djar, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 36, Triq il-Fossa tal-Qamħ, Żejtun, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 1 fuq L.D. 7/80/82. (HAP 1/2004).

(5) Biċċa art tal-kejl ta' madwar 235 metru kwadru, magħrufa bħala Plot Nru. 67 fi Triq l-Imqades u li tagħmel parti mill-Qasam tal-Bini tal-Gvern, limiti tal-Xagħra, Għawdex, li tmiss mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' Triq l-Imqades, li fuqha hemm mibni l-fond bin-numru 67, Triq l-Imqades, Xagħra, Għawdex, u li tinsab delineata bl-aħmar u markata P. 67 fuq L.D. 357/90/2. (HAP 1/2003).

(6) *Flat* numru 14, Blokk B, Qasam Bini tal-Gvern, Birżebbuġa (Tenement No. 69073 - RTB 309/2002).

(7) *Flat* numru 1, Blokk C, Qasam Bini tal-Gvern, Birżebbuġa (Tenement No. 72044 - HA 225/99).

(8) *Flat* numru 3, Blokk 7, Qasam Bini tal-Gvern, Triq il-Fosos, Floriana (Tenement No. 67962 - RTB 88/2003).

(9) *Flat* numru 4, Blokk B, Qasam Tal-Menhir, Kirkop (Tenement No. 72902 - RTB 210/2002).

(10) Dar bin-numru 104, Triq id-Dawr, Mosta (Tenement No. 71546 - RTB 71/2003).

(11) *Flat* numru 7, Blokk B1, Triq id-Duluri, Pietà (Tenement No. 69744 - RTB 267/2002).

(12) *Flat* numru 2, Bieb 2, Blokk F, Għajn Kajjet, Rabat, Malta (Tenement No. 67822 - RTB 315/2002).

(13) *Flat* numru 7, Bieb 16, Blokk 12, Triq il-Gardenja, Qasam Bini tal-Gvern, Santa Luċija (Tenement No. 64521 - RTB 67/2003).

(14) *Flat* numru 5, Blokk D, Triq il-Ward, Żabbar (Tenement No. 66834 - 6HA 15/2002).

(15) *Flat* numru 4, Blokk A, Triq Xandru D'Amato, Qasam Bini tal-Gvern, Żurrieq (Tenement No. 70356 - RTB 86/2003).

(16) Dar bin-numru 8, Triq l-Immakulata, Cospicua (Tenement No. 61674 - RTB 255/2002).

(17) *Flat* numru 6, Blokk A1, Triq it-Taqtigħa, Qasam Bini tal-Gvern, Żebbuġ, Malta (Tenement No. 72306 - RTB 14/2002).